MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 13/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

***… omissis …***
**Owen Barbara**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Owen Barbara (li tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja flimkien ma' Charles Falzon u Anthony Paul Shaun Mamo) talli:

1 Nhar is-27 ta' Novembru 2003, ghall-habta tat-3.00 ta' filghodu, waqt li kien l-Imsida, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq mill-fond 'Flyover Kiosk', wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal-esekuzzjoni ta' dan id-

delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltin, bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta’ Saviour Zammit;

2 Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta meta gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula jew imhassra;
Rat il-verbal tas-16 ta' Jannar 2004 mnejn jirrizulta li l-imputati (inkluz l-appellat) irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom u baqghu jippersistu f'dik l-ammissjoni anke wara li l-ewwel Qorti tathom zmien bizzejjed sabiex jahsbuha dwar l-ammissjoni taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Jannar 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat lill-imputati hatja ta' l-akkuzi dedotti kontra taghhom u, filwaqt li qeghdet lil Anthony Paul Shaun Mamo taht *probation* ghal perijodu ta' tmintax-il xahar u kkundannat lil Charles Falzon ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal perijodu ta' tmintax-il xahar, ikkundannat lill-appellat Owen Barbara ghal ghaxar xhur prigunerija sospizi ghal sentejn skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali (Kap 9);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fit-23 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputati Anthony Paul Shaun Mamo u Charles Falzon, u poggiet wiehed taht *probation* u l-iehor gie kkundannat ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar, kif ukoll f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet lill-imputat appellat Owen Barbara hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrieh, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b'mod li l-perijodu ta' prigunerija li ghalih gie

kkundannat l-imsemmi imputat appellat ikun wiehed effettiv u mhux sospiz;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu ordnat li jithejja *pre-sentencing investigation report* dwar l-appellat;

Rat l-imsemmi rapport debitament imhejji u pprezentat mill-ufficjal tal-*probation* John Testa fis-seduta tad-19 ta' April 2004;

Ikkunsidrat:

L-appell ta' l-Avukat Generali huwa limitat ghall-piena li nghatat lill-appellat Owen Barbara. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta invokat u applikat id-disposizzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Ighid li l-fatt li l-appellat Owen Barbara ammetta u nstab hati li huwa recidiv, kien legalment jimpedixxi lill-ewwel Qorti milli tapplika fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali, u dan johrog car minn dak li hemm stabilit fl-artikolu 28A(7)(b) ta' l-istess Kodici Kriminali, b'mod li l-ewwel Qorti f'dan il-kaz ma kellhiex triq ohra hlief li tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva.

L-Avukat Generali ghandu ragun fl-aggravju tieghu. Difatti l-ligi f'dan ir-rigward hija carissima u inekwivoka. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jiddisponi li ordni li permezz taghha sentenza ta' prigunerija tigi sospiza "ma ghandux isir … (b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50 …." (sottolinear tal-Qorti). Meta l-appellat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, kien qieghed jammetti wkoll l-akkuza li kien sar recidiv ai termini anke ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-provvedimenti relattivi tal-Kodici Kriminali dwar sentenza sospiza fil-konfront tieghu.

Konsegwentement l-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa gustifikat u, galadarba l-appellat stess ma appellax mill-piena moghtija mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma baqaghlhiex triq ohra hlief li f'dan l-istadju tordna li l-perijodu ta' prigunerija stabbilit mill-ewwel Qorti (u li jaqa' sew fil-parametri tal-piena ghall-akkuzi ammessi mill-appellat) ikollu effett immedjat.

Jigi osservat pero` li matul dawn il-proceduri din il-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing investigation report*, liema rapport thejja mill-ufficjal tal-*probation* John Testa. Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-problema ewlenija ta' l-appellat hija dik ta' l-abbuz tad-droga. Skond l-istess rapport l-appellat ilu f'kuntatt mas-*Substance Misuse Unit* ghal dawn l-ahhar tliet snin izda fil-passat wera nuqqas ta' motivazzjoni sabiex jahdem fuq il-problema tad-droga b'mod serju; madanakollu, matul il-kumpilazzjoni tar-rapport, l-appellat ikkoopera bis-shih u jidher li qed jimmotiva ruhu sabiex jaghmel programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mid-droga. Mill-informazzjoni li gabar u l-kuntatti li ghamel l-ufficjal tal-*probation*, huwa kkonkluda li l-appellat "ghandu bzonn ghajnuna intensiva u gwida sabiex il-problema tad-droga tieghu tigi ndirizzata b'mod adekwat. L-uniku mezz kif dan jista' jsir huwa billi Barbara jattendi u jtemm b'success programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-droga." Ghaldaqstant jidher opportun li jinghata provvediment ukoll f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonfermaha in kwantu iddikjarat u sabet htija fl-imputati Anthony Paul Shaun Mamo u Charles Falzon u poggiet wiehed taht *probation* u l-iehor ikkundannatu ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar, tikkonfermaha fejn iddikjarat lill-appellat Owen Barbara hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija izda tirrevokaha in kwantu ordnat is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza ta' prigunerija, liema sentenza ta' prigunerija,

minflok, ghandha tigi esegwita minnufih. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jiehu l-passi kollha mehtiega immedjati biex l-appellat ikun jista' jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-abbuz tad-droga kif imsemmi. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------